MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 162/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Raymond Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Vella talli fil-21 ta' Jannar 2005, ghall habta ta' 21:10 hrs., f'Valletta Road, Mosta:

(1) Saq il-vettura numru IAD-386 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

(2) Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Raymond Vella jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Vella mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-24 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza l-provi provduti, u cioe` (1) l-affidavit ta' P.C. 230 Joseph Buhagiar li ra lill-appellat isuq il-vettura u li kkonferma li l-licenzja ma gietx rinnovata, u (2) ix-xiehda ta' rapprezentant tal-licenzji li kkonferma li l-vettura ma kinitx licenzjata fil-21 ta' Jannar 2005 izda li l-licenzja thallset l-ghada. L-appellant ghalhekk isostni li kellha tinstab htija skond l-imputazzjonijiet dedotti.

L-aggravji ta' l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, bhalma gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-

apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].
Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha li ma ssibx htija u b'hekk tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti.

Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jistghu jigu riassunti hekk:

Permezz ta' affidavit, **P.C. 230 Joseph Buhagiar** qal li fil-21 ta' Jannar 2005 ghall-habta tad-9.10 p.m. waqt li kien xoghol fi Triq Valletta, Mosta, waqqaf vettura numru IAD-386 tal-ghamla Austin Metro u waqt li kien qieghed jiehu l-partikularitajiet tas-sewwieq u tal-vettura rrizultalu li l-licenzja tal-vettura u l-polza tas-sigurta` kienu skadew f'Settembru 2004. Qal li dan ikkonfermah wara li ndaga mar-records tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u li fil-fatt is-sewwieq stess stqarr mieghu li d-dokumenti relattivi ma kinux mhallsa. Huwa ordna lis-sewwieq sabiex ma

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

jkomplix isuq il-vettura u jaghmel arrangamenti biex titnehha minn fuq il-post. Skond dan ix-xhud, is-sewwieq infurmah li l-ghada stess kellu jbigh il-vettura. Ix-xhud temm l-affidavit billi qal li il-vettura "hija registrata fuq Raymond Vella, residenti 31, Triq il-Harifa, Mosta, I.D. 305883(M), u fil-mument il-vettura kienet misjuqa minn sidha stess."

**Christopher Darmanin**, li jahdem fid-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi, qal li l-vettura in kwistjoni hi ta' ghamla Volkswagen Golf, ta' kulur blu, li bejn is-16 ta' Frar 2004 u t-18 ta' April 2005 is-sid kien Raymond Vella, I.D. 305883(M). Fit-18 ta' April 2005 il-vettura nqalbet ghal fuq Timothy Jones. Dan ix-xhud qal li l-licenzja kienet ghalqet fl-ahhar ta' Settembru 2004 u fit-18 ta' April 2005 thallset il-licenzja b'effett mill-1 ta' Ottubru 2004 sat-30 ta' Settembru 2005.

Mill-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi prodotti, hija kkonkludiet li ma tistax issib htija. Issa apparti d-diskrepanza bejn l-imsemmijin zewg xhieda dwar l-ghamla tal-vettura, u l-fatt li P.C. 230 jghid li s-sewwieq qallu li l-ghada se jbigh il-vettura filwaqt illi Christopher Darmanin jghid li din il-vettura nqalbet fit-18 ta' April 2005 (mela kwazi tliet xhur wara), mill-mod kif gie redatt l-affidavit ta' P.C. 230, u partikolarment l-ahhar sentenza, l-Ewwel Qorti fehmet li P.C. 230 kien qieghed jaghmel distinzjoni bejn il-persuna li fuqha tinsab registrata l-vettura u s-sid taghha. L-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi hekk peress illi huwa ben maghruf li c-certifikat ta' registrazzjoni ta' vettura, filwaqt illi fl-ewwel parti jipprovdi id-dettalji tas-"sid registrat tal-vettura" (Registered Holder), jippreciza wkoll li l-persuna li isimha jidher fic-certifikat "mhux bilfors hi sid il-vettura" imma hi l-persuna li ghandha tassigura li l-vettura hi registrata u licenzjata kif xieraq.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha.

Ciononostante, billi jirrizulta li l-appellat kien ir-*registered holder*, u billi jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni l-vettura tieghu ma kellhiex il-licenzja rinovata, ghandu jinzamm responsabbli tar-reat kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni li naqas li jara li l-vettura in kwistjoni jkollha l-licenzja taghha hekk rinovata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu, issibu hati talli naqas li jara li l-vettura IAD-386 ikollha l-licenzja taghha rinovata u, wara li rat l-artikolu 55(1) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65, tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tletin liri Maltin (Lm30).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------